# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 744/21/1 AD**

**Grace Gatt**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

1. L-attriċi appellat mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fil-5 ta' April 2022 li biha laqgħet l-eċċezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skont l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Il-fatti prinċipali għall-finijiet tal-appell tal-attriċi huma dawn:

i. L-attriċi kienet sa mis-sena 1990 taħdem bħala kuntistabbli fil-korp tal-pulizija.

ii. B'sentenza tat-23 ta' Mejju 2007 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-attriċi ħatja li ħadmet bħala investigatur privat mingħajr permess, u ngħatat sentenza ta' sena priġunerija sospiża.

iii. Fis-7 ta' Frar 2006 mill-uffiċċju tal-Prim Ministru infurmaw lill-Kummissarju tal-Pulizija li uffiċjal interdett li jsiefer bla permess ikun suġġett għat-tkeċċija, u dan skont regolament 12(1) tar-Regolament ta' Dixxiplina. Pożizzjoni li ġiet konfermata mill-Kummissjoni. Informazzjoni li ngħatat lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra tad-9 ta' Marzu 2006 mibgħuta mill-uffiċċju tal-Prim Ministru. Bl-istess ittra l-konvenut intalab joħroġ akkuża kontra l-attriċi talli telqet minn Malta mingħajr permess u għamlet xogħol privat bla permess.

iv. B'ittra tat-13 ta' Marzu 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo għarraf lill-attriċi li ser jieħu passi dixxiplinari kontriha talli *inter alia* siefret bla permess, għamlet xogħol privat bla permess u ħadet sehem f'programm li xxandar fuq it-televiżjoni mingħajr permess.

v. Fis-16 ta' Marzu 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija ħatar tliet membri tal-Bord ta' Dixxiplina li kienu kollha uffiċjali tal-pulizija.

vi. B'ittra legali tat-3 ta' April 2006 l-attriċi ilmentat li l-Bord ma kienx indipendenti u imparzjali għaliex intgħażel mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-membri kienu uffiċjali tal-pulizija li jirrispondu lill-Kummissarju tal-Pulizija.

vii. Il-Bord ta' Dixxiplina li nħatar mill-Kummissarju tal-Pulizija sab lill-attiċi ħatja tal-akkużi.

viii. Fit-2 ta' Novembru 2006 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għamlet ir-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru sabiex titkeċċa mill-impieg.

ix. F'Diċembru 2006 il-Prim Ministru ta l-approvazzjoni tiegħu għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li l-attriċi titkeċċa mill-impieg. Dan wassal biex l-attriċi tilfet nofs is-salarju minn meta ġiet sospiża, u wkoll is-salarju futur.

x. B'ittra datata 17 ta' Jannar 2007 il-Kummissjoni infurmat lill-Kummissarju tal-Pulizija bid-deċiżjoni tal-Prim Ministru u qaltlu, *"Please note and take the necessary action accordingly"*. Id-datat ta' tkeċċija mill-impieg kienet il-21 ta' Diċembru 2006. Dakinhar stess il-Kummissarju

informa lill-attriċi bid-deċiżjoni tal-Prim Ministru u talabha tirritorna lura l-uniformi u affarijiet oħra li ngħataw lilha bħala uffiċjal tal-pulizija.

xi. B'ittra uffiċjali tat-12 ta' Frar 2007 l-attriċi sejħet lill-konvenut u lill-Kummissjoni sabiex jagħtuha raġuni għalfejn tkeċċiet mill-impieg. B'ittra uffiċjali tat-28 ta' Frar 2007 il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb li kienet instabet ħatja fil-proċeduri ta' dixxiplina li ttieħdu kontriha.

xii. Fit-18 ta' Frar 2009 l-attriċi fetħet kawża kostituzzjonali (Grace Gatt vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et – 6/2009) fejn *inter alia* ilmentat minn ksur tal-jedd fundamentali garantit bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li fil-proċedura li wasslet għat-tkeċċija tagħha, ma kienx hemm tribunal imparzjali u indipendenti biex jeżamina l-akkużi li kien hemm kontriha.

xiii. B'sentenza tal-14 ta' Lulju 2015 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. L-attriċi appellat u b'sentenza tat-12 ta' Frar 2016 il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell. Il-Qorti ddeċidiet *inter alia* li l-Art. 6 tal-Konvenzjoni ma kienx japplika peress li l-attriċi kienet membru tal-korp tal-pulizija, u għalhekk hi meqjusa bħala depożitarja tal-awtorità pubblika responsabbli għall-ħarsien tal-interessi ġenerali tal-Istat.

xiv. L-attriċi ħadet il-każ tagħha quddiem il-QEDB li b'sentenza tat-8 ta' Jannar 2020 sabet ksur tal-jedd fundamentali protett taħt l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni u kkundannat lill-Istat iħallas danni non-pekunjarji fl-ammont ta' €15,000. Fir-rigward tad-danni pekunjarji ċaħdet it-talba tal-attriċi għaliex qalet, *"97. The Court cannot speculate on the outcome of the disciplinary proceedings had they been heard by an impartial and independent tribunal...."*. Però qalet ukoll li ċaħdet it-talba, *".... without prejudice to any further remedies she may seek domestically"*.

xv. B'rikors preżentat fid-29 ta' Lulju 2021 l-attriċi fetħet il-kawża tallum, u talbet lill-Qorti biex tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni li sofriet. Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni estintiva ta' sentejn (Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili). B'sentenza tal-5 ta' April 2022 l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut.

xvi. Fit-3 ta' Mejju 2022 l-attriċi appellat mis-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex, *"tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla ħalli l-kawża tiġi deċiża fil-meritu"*.

3. Fir-rikors maħluf l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara lill-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli għad-danni minnha sofferti u tillikwida l-istess danni bħala lucrum cessans u damnum emergens.*
>
> *2. U finalment tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma li hekk tiġi likwidata. Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut inklużi dawk tal-ittra uffiċjali".*

4. Fil-premessi għar-rikors maħluf filwaqt li għamlet referenza għas-sentenza tal-QEDB kompliet:

> *"(3) Illi l-esponenti quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kienet talbet għal-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji sofferti minnha minħabba t-telf tas-salarju minn Novembru 2006 sa Ġunju 2015. Imbagħad wara telf ta' penzjoni meta jiġi kkalkulat li għalqet il-25 sena ta' servbizz, u setgħet tirtira bil-penzjoni tal-pulizija.*
>
> *(4) Illi fil-paragrafu 97 tas-sentenza il-Qorti Ewropea ddeċidiet li ma tidħolx fil-meritu ta' proċeeduri dixxiplinarji għax ma setgħetx tispekula kif ipprova jagħmel jagħmel l-istat Malti bħala eċċezzjoni tiegħu għad-danni u l-Qorti Ewropea speċifikatament qalet illi dan il-fatt kien, 'without prejudice to any further remedies she may have domestically'. Il-Qorti Ewropea tat danni morali għall-vjolazzjoni ta' proċess mhux ġust meta hija tkeċċiet mill-pulizija.*
>
> *(5) Illi manifestament l-esponenti sofriet u għadha qed issofri danni.*
>
> *(6) Illi għalhekk l-espnoenti qiegħda tadixxi din il-Qorti biex kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija teżerċita dawk id-drittijiet u rimedji fril-qrati domestiċi dwar id-danni.*
>
> *(7) Illi huwa manifest illi l-esponenti sofriet danni pekunjarji bħala lucrum cessans għall-perjodu kollu u damnum emergens bħala telf ta' penzjoni għal żmien prevedibbli".*

5. Fl-ewwel eċċezzjoni l-konvenut qal:

> *"1. Illi l-esponent jeċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti għal danni damnum emergens u lucrum cessans huma preskritti skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan peress li dak it-terminu ta' sentejn jibda jiddekorri mill-fatt allegatament doluż li f'dan il-każ seħħ f'Diċembru 2006. Xejn ma kien jipprekludi li r-rikorrenti tressaq l-azzjoni ċivili li qiegħda tmexxi llum fi żmien sentejn mill-fatt allegatament doluż, anke jekk simultanjament mal-proċeduri kostituzzjonali li hija kienet intavolat. Konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara t-talbiet proposti fir-rikors promotur preskritti u dan fl-istadju limine litis stante illi ma jeżisti ebda ħtieġa fil-każ odjern illi jiġi analizzat il-meritu".*

6. L-Ewwel Qorti filwaqt li għamlet referenza għall-ġurisprudenza rraġunat hekk:

*"M'hemm l-ebda dubju illi l-każ in eżami si tratta każ illi jinkwadra ruħu bħala azzjoni għall-ħsara mnissla minn delitt jew kważi-delitt, cioe culpa aquiliana, u dan jirriżulta mit-talbiet tar-rikors promotur, fejn ir-rikorrenti ssostni illi hija sofriet u għadha qed issofri danni per kawża tal-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ntavolat il-kawża odjerna għal danni pekunjarji ossia danni bħala lucrum cessans u damnum emergens. Konsegwentement għandu japplika t-terminu preskrittiv ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16".*

7. Il-Qorti mbagħad għaddiet biex tikkunsidra minn meta bdew jgħaddu s-sentejn. Wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza b'referenza għall-Art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili qalet:

*"34. Meta wieħed idur, imbagħad, għall-każ odjern, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*a. Id-data illi fiha tkeċċiet ir-rikorrenti mill-Korp tal-Pulizija kienet il-21 ta' Diċembru 2006. Dan jirriżulta kemm mix-xhieda ta' l-**iSpettur Saviour Baldacchino**, kif ukoll minn **Dok SB2** minnu esebit waqt l-istess seduta;*

*b. Il-kawża fl-ismijiet **Grace Gatt vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** (Rikors Nru 6/2009) ġiet intavolata permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) preżentat nhar it-18 ta' Frar 2009, u deċiża mill-istess Qorti fl-14 ta' Lulju 2015;*

*c. L-Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mir-Rikors Nru 6/2009 ġie intavolat mir-rikorrenti permezz ta' rikors t'appell ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015, u ġie deċiż b'mod definittiv nhar it-12 ta' Frar 2016;*

*d. Il-kawża quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġiet intavolata nhar il-5 t'Awwissu 2016 u ġiet deċiża nhar it-8 t'Ottubru 2019, b'dana illi ġiet effettivament meqjusa bħala finali nhar it-8 ta' Jannar 2020;*

*e. Ir-rikorrenti ressqet pretensjoni għad-danni kif mitluba fil-kawża odjerna permezz t'ittra uffiċjali spedita lill-konvenut, datata 22 ta' Ġunju 2020 (ittra uffiċjali numru 1633/2020);*

*f. Din il-kawża ġiet intavolata permezz ta' rikors ġuramentat tar-rikorrenti ppreżentat nhar id-29 ta' Lulju 2021;*

*35. Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt illi l-kwestjoni dwar il-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ġiet deċiża b'mod finali nhar it-8 ta' Jannar*

*2020, u li l-kawża odjerna ġiet intavolata inqas minn sentejn minn din id-data, b'dana illi jidher illi jekk il-perjodu preskrittiv kellu jibda jiddekorri mit-8 ta' Jannar 2020, jirriżulta illi r-rikorrenti ressqet il-pretensjoni tagħha tempestivament, u cioe qabel ma skada t-terminu preskrittiv ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;*

*36.<u>Madanakollu</u>, il-Qorti tinnota wkoll illi l-kawża Kostituzzjonali quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) ġiet intavolata <u>sentejn u xahrejn</u> wara t-tkeċċija tar-rikorrenti, u cioe sentejn u xahrejn wara illi seħħ il-fatt illi kkawża l-"ħsara" illi għaliha r-rikorrenti qiegħda tavvanta pretensjoni għad-danni ċivili;*

*37.Minkejja illi huwa minnu illi r-rikorrenti għażlet illi tipproċedi b'kawża Kostituzzjonali, din il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti kellha kull dritt illi tattakka d-deċiżjoni illi permezz tagħha sfat imkeċċija, b'dana illi setgħet titlob ukoll danni ċivili. Jekk ma riditx tidħol fi spejjeż ġudizzjarji żejda qabel tiġi deċiża l-kawża Kostituzzjonali, setgħet ukoll, mill-inqas, tippreżenta protest ġudizzjarju jew ittra uffiċjali sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni għad-danni ċivili qabel intavolat il-kawża Kostituzzjonali. Huwa minnu illi s-sentenza tal-Qorti Ewropea affermat dak illi r-rikorrenti kienet ilha tinsisti għal snin twal, u cioe illi hija kienet sofriet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, iżda madanakollu d-dritt tagħha illi tattakka d-deċiżjoni fil-Qrati Ċivili u titlob likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti kien jeżisti saħansitra anke <u>**qabel**</u> intavolat il-kawża Kostituzzjonali, u ma twelidx bis-saħħa tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea;*

*38.Meħuda in konsiderazzjoni l-prinċipji legali suesposti, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut għandha għalhekk tintlaqa', u dan stante illi għalkemm il-proċeduri Kostituzzjonali kienu effettivament jikkostitwixxu impediment fattwali fid-definizzjoni mogħtija mill-Qrati nostrana, tali proċeduri ġew intavolati <u>**wara illi kien diġa skada t-terminu preskrittiv għal danni ċivili illi kien beda jiddekorri mid-data tat-tkeċċija tar-rikorrenti**</u>. Li kieku l-proċeduri Kostituzzjonali kienu ġew intavolati qabel, u cioe fil-perjodu ta' sentejn mit-tkeċċija tar-rikorrenti mill-Korp tal-Pulizija, jew li kieku r-rikorrenti kienet ressqet xi forma ta' pretensjoni għal danni ċivili permezz ta' protest ġudizzjarju u/jew ittra uffiċjali fl-istess perjodu, il-perjodu preskrittiv ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 kien jiġi interrott, b'dana illi l-perjodu preskrittiv kien imbagħad jerġa' jibda jiddekorri mid-data tat-8 ta' Jannar 2020; iżda, madanakollu, dan ma kienx il-każ. Id-dritt t'azzjoni tar-rikorrenti għal danni ċivili "twieled" meta tkeċċiet mill-Korp tal-Pulizija fil-21 ta' Diċembru 2006, u laħaq "miet" sa meta ġew intavolati l-proċeduri Kostituzzjonali, b'dana illi ma setax jerġa jiġi "rixxuxitat" bis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*39. B'referenza għal dak sostnut mir-rikorrenti illi kienet il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem illi, fis-sentenza tagħha, tat lir-rikorrenti xi dritt t'azzjoni għal danni ċivili billi astjeniet milli tieħu*

> *konjizzjoni ta' "the applicant's claim for pecuniary damage without prejudice to any further remedies she may seek domestically"*[1]*, din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti illi b'dan l-enunċjament il-Qorti Ewropea tatha xi carte-blanche illi tfittex għad-danni;* ***anzi*** *huwa ċar mill-istess kliem tal-Qorti Ewropea illi kwalsiasi dritt t'azzjoni illi kellha l-attriċi kellu jkun determinat mil-liġi domestika. Difatti l-Qorti Ewropea tuża l-kelma "may" illi tindika possibilta', u cioe rimedji illi jista' jkollha jew hemm possibilita' illi jkollha f'Malta. Huwa minnu illi r-rikorrenti kellha l-possibilta' illi tressaq azzjoni għal danni ċivili, iżda sfortunatament id-dritt t'azzjoni tagħha waqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn illi bdew jiddekorru mit-tkeċċija tagħha u baqgħu ma ġewx sospiżi, sakemm eventwalment it-terminu preskrittiv skada".*

Konsiderazzjoni.

8. Fl-aggravju l-attriċi qalet:

> *"1. Is-sentenza appellata applikat ħażin il-liġi, għax applikat l-artikolu 2153 Kod. Ċiv. Dwar danni aquiliani, meta hawn manifestament si tratta ta' danni naxxenti minn vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali".*

Kompliet li fir-rikors li bih fetħet il-kawża ma saret l-ebda allegazzjoni ta' kulpa akwiljana. L-attriċi tippretendi t-telf tal-paga u telf ta' pensjoni. Kompliet li l-fatt li fir-rikors maħluf użat il-kliem *damnum emergens* u *lucrum cessans* ma jfissirx li l-kawża li fetħet hi azzjoni akwiljana. Qalet ukoll li l-kumpens li jingħata f'każ ta' ksur ta' dritt fundamentali m'għandux jitħallat mad-danni li jingħataw f'kawża akwiljana. F'dan ir-rigward għamlet referenza għas-sentenza Rosette Fenech et v. Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-13 ta' Mejju, 2021.

---

[1] Vide §97 fis-sentenza esebita bħala **Dok KP1** mar-risposta ġuramentata, a fol 8 tal-proċess.

9. Il-konvenut wieġeb li hu ċar li l-kawża hi waħda għal danni akwiljani. Tant hu hekk li l-kawża nfetħet b'rikors maħluf u l-appell kien preżentat fil-Qorti tal-Appell. Fit-tieni lok l-attriċi qiegħda tfixkel il-kawżali li taw lok għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq mal-kawżali li għalihom hi ressqet il-kawża għal danni li jikkonsistu f'telf ta' paga u pensjoni. Id-dannu li jikkonsisti f'telf ta' paga u pensjoni, jistrieħ fuq il-premessa li l-attriċi ma kellhiex titkeċċa mill-korp tal-pulizija. Il-fatt li ma ngħatatx smigħ xieraq fil-proċeduri ta' dixxiplina ma jinċidix fuq il-kwistjoni jekk setgħetx titkeċċa jew le. Għalkemm ma ngħatatx smigħ xieraq ma jfissirx li t-tkeċċija ma kinitx korretta. L-Art. 6 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix l-korrettezza tad-deċiżjoni fil-meritu. Fihom il-Qorti ma tiddeċidix jekk id-deċiżjoni fil-meritu tkunx korretta jew le. Fiċ-ċirkostanzi l-kawża tallum saret sabiex jiġu likwidati d-danni akwiljani għaliex l-attriċi tippretendi li t-tkeċċija kienet waħda illeċita. Fil-kawża tal-lum l-attriċi mhijiex titlob danni minħabba ksur tal-jedd fundamentali iżda minħabba egħmil delittwali, ċjoè t-tkeċċija illeċita jew skorretta. Il-ksur għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq ġie diġà kumpensat bi ħlas ta' danni mhux pekunjarji. Jekk jeżistu danni dawn huma minħabba tkeċċija li ma kellhiex tkun u mhux tad-difett proċedurali li wassal għal nuqqas ta' smigħ mhux xieraq. Kien fid-dmir tal-attriċi li tikkawtela d-drittijiet ċivili tagħha.

10. Fis-sentenza Grace Gatt v Malta (46466/16) il-QEDB ikkonkludiet li fil-proċess li wassal għat-tkeċċija tal-attriċi mill-impieg tagħha, seħħ ksur tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni. Ir-raġuni kienet għaliex:

i. Il-Bord ta' Dixxiplina kien inħatar mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-membri kienu uffiċjali tal-korp li jirrispondu lilu. Inoltre, kienu inħatru fuq bażi *ad hoc "83.... which made the need for the presence of safeguards against outside pressures all the more important"*. Għalhekk ikkonkludiet li d-dubji li kellha l-attriċi dwar l-indipendenza u l-imparzjalita tal-Bord kienu oġġettivament ġustifikati;

ii. Dubji li ma setgħux jitneħħew bi stħarriġ tal-Kummissjoni ġialadarba rriżulta li l-Kummissarju kien tkellem maċ-ċermen tal-Kummissjoni dwar is-sanzjoni li kellha tingħata l-attriċi. Il-Qorti kkunsidrat li ċ-ċermen seta' ġie influwenzat fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu; *"86.... In consequence, even assuming the PSC fulfilled other relevant requirements it could not have been considered impartial and capable of curing any prior defects"*.

11. Madankollu, il-QEDB ma tatx kumpens pekunjarju lill-attriċi minkejja li talbet it-telf ta' salarju għall-perjodu Novembru 2006 sa Ġunju 2015 u t-telf ta' pensjoni. Il-QEDB irraġunat hekk:

> *"97. The Court cannot speculate on the outcome of the disciplinary proceedingshad they been heard by an impartial and independent*

> *tribunal,d it therefore dismisses the applicant's claim for pecuniary damage without prejudice to any futher remedies she may seek domestically"*.

12. Mill-mod kif l-attriċi spjegat ruħha fir-rikors tal-appell, hu evidenti li qiegħda tippretendi d-danni mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija minħabba ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċess ta' dixxiplina, u li eventwalment wassal biex tkeċċiet mill-impieg.

13. Il-pretensjoni tal-attriċi kif spjegata fir-rikors maħluf ma jirriżultax li ġiet espressament bażata fuq kulpa akwiljana. Dan apparti li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kuntrattwali, ċjoè dik ta' prinċipal u impjegat. Kif intqal fis-sentenza Gaetano Spiteri v. Thomas Castle tat-18 ta' Awwissu 1965 (Qorti Ċivili, Prim'Awla):

> *"l-colpa aquiliana tirrikorri meta d-dannu jiġi kaġonat f'rapport extra-kuntrattwali, ċioe tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-neminem laedere kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodiċi mentri l-colpa jew responsabbilta' kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra"*.

14. Għalhekk ukoll jekk il-pretensjoni tal-attriċi għad-danni kienet bażata fuq tkeċċija illeċita mill-korp tal-pulizija, kif argumenta l-konvenut, it-talba għad-danni m'għandha x'taqsam xejn mad-delitti jew kważi-delitti ġialadarba kienet impjegata fil-korp tal-pulizija. Il-pretensjoni tagħha m'għandha x'taqsam xejn ma' negliġenza jew traskuraġni.

15. Fiċ-ċirkostanzi l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax.

16. Ovvjament dan hu bla preġudizzju għal kwistjoni dwar jekk fil-meritu l-attriċi tistax titlob ħlas għad-danni pekunjarji li tgħid li sofriet minħabba ksur tal-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq ġialadarba dik it-talba ġiet miċħuda mill-QEDB. Kwistjoni li m'għandhiex x'taqsam mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ta l-Kummissarju tal-Pulizija.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attriċi u tħassar is-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' April 2022 u tiċħad l-eċċezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skont l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da